**Int Spiridjun**

Niftakarhom dawk għajnejk tant leqqiena
Fihom is-sliem li bosta għandna bżonnha,
It-tbissima ta' wiċċek turi ħniena
Ta' ruħ mistrieħa fi ħlewwa profonda.

Oh kemm nixtieq li jerġa' jasal il-waqt
Li nerġa' nqarbnek u nbierkek bħal dejjem,
U għalkemm kont seren mingħajr ma tbaqbaqt
Għaddejt għas-sema, imħejji u mżejjen.

Ħlewwietek frott għemejjel wisq qaddisa
Ta' mħabba li storbju żgur li ma tagħmilx,
Madankollu qawwietha tinħass t'iljun.

Strieħ ħija fis-sliem, ħajtek mhix irħisa
Qattajtha fl-għotja, ħlief dan inti m'għamiltx,
Itlob għalina ħuna, int Spiridjun.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.